2023/2531

24.11.2023

DEĊIŻJONI (UE) 2023/2531 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-24 ta' Ottubru 2023

dwar in-nomina ta' kapijiet ta' unitajiet ta' ħidma biex jadottaw deċiżjonijiet delegati biex ma ssirx oġġezzjoni għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew tal-awtoritajiet nazzjonali nominati (BĊE/2023/26)

Il-Bord Eżekuttiv tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 11.6 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (UE) 2023/2530 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Settembru 2023 dwar id-delega tas-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet biex ma ssirx oġġezzjoni għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew tal-awtoritajiet nazzjonali nominati (ECB/2023/24) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BĊE/2004/2 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Frar 2004 li tadotta r-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) Sabiex jiġi indirizzat l-għadd konsiderevoli ta' deċiżjonijiet li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu jadotta għat-twettiq tal-kompiti makroprudenzjali tiegħu, ġiet stabbilita proċedura għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet delegati speċifiċi biex ma joġġezzjonawx għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) jew tal-awtoritajiet nazzjonali nominati (ANN).

(2) Deċiżjoni ta' delega hija effettiva mal-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Bord Eżekuttiv li tinnomina l-kapijiet ta' unità ta' ħidma biex jieħdu deċiżjonijiet abbażi ta' deċiżjoni ta' delega.

(3) L-importanza tad-deċiżjoni ta' delega u l-għadd ta' ANK jew ANN li għandhom jiġu nnotifikati dwar deċiżjonijiet iddelegati jenħtieġ li jitqiesu mill-Bord Eżekuttiv fin-nomina ta' kapijiet tal-unitajiet ta' ħidma.

(4) L-Artikolu 10(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2004/2 jipprovdi li l-Bord Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar in-numru, l-isem u l-kompetenza rispettivi ta' kull waħda mill-unitajiet ta' ħidma tal-BĊE.

(5) Il-President tal-Bord Superviżorju ġie kkonsultat dwar il-kapijiet tal-unitajiet ta' ħidma li lilhom jenħtieġ li tiġi ddelegata s-setgħa li jadottaw deċiżjonijiet biex ma joġġezzjonawx għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba tal-ANK jew tal-ANN,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandha tapplika d-definizzjoni ta' "miżuri makroprudenzjali maħsuba" fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/2530 (BĊE/2023/24)

([1]) ĠU L, 2023/2530, 24.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2530/oj
([2]) ĠU L 80, 18.3.2004, p. 33.

Artikolu 2

Deċiżjonijiet ta' delega biex ma jkunx hemm oġġezzjoni għall-miżuri makroprudenzjali maħsuba tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jew tal-awtoritajiet nazzjonali nominati

Id-deċiżjonijiet ta' delega skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni (UE) 2023/2530 (BĊE/2023/24) għandhom jiġu adottati mid-Direttur Ġenerali jew Viċi Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal-Politika Makroprudenzjali u l-Istabbiltà Finanzjarja u d-Direttur Ġenerali jew Viċi Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tas-Superviżjoni tal-Linja Orizzontali.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-24 ta' Ottubru 2023.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE